**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017**

**SEDUTA NUMRU 6**
**IT-TIENI PARTI TAL-LAQGHA**

**IL-ĦAMIS 8 TA' AWISSU 2013 FIL-2.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR**

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku Max Zammit fetaħ il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill tad-29 ta' Lulju 2013 ġew moqrija waqt il-laqgħa u ġew approvati.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-Laqgħa li kellu l-Kunsill mal-Kuntrattur tal-Knis John Borg. Preżenti ghall-laqgħa kien hemm il-Kunsilliera kollha, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace u l-*Operation Supervisor* Tony Teuma. Saret proposta biex tiżdied ġurnata oħra għall-*Mechanical Sweeping* ix-Xatt li din tqum 104 euro fil-ġimgħa. Iddiskuttew liema kienu l-aħjar ġranet biex isir il-knis tal-*Mechanical Sweeping*. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li skond it-*tender* din trid ssir darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsillier Frank Roe issuġġerrixxa li din issir kull nhar ta' Tnejn u u kull nhar ta' Gimgħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace ikkonferma li fil-Kuntratt oriġinali tal-Knis kien hemm mniżżel li l-Kuntrattur irrid juża l-*Mechanical Sweeping* għal-darbtejn fil-ġimgħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab sabiex jiċċekja t-*Tender* ħalli tiġi vverifkata jekk fit-*tender* kienx hemm mniżżel li l-Mechanical Sweeping tintuża darbtejn fil-ġimgħa. Peress li rriżulta li fit-*tender* il-Kuntrattur kien obbligat li juża l-*Mechanical Sweeping* għal-darbtejn fil-ġimgħa l-Kunsill iddeċieda li għandu javża l-Kuntrattur ħalli jimxi skond l-ispesifikazzjonijiet tat-*tender*.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

2.2 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-Memo 20/2013 tal-*Lifelong Learning*. Semma kif dawn il-klassijiet se jsiru l-Kunsill ta' l-Imsida u residenti minn Ta' Xbiex jistgħu jiġu l-Uffiċini tal-Kunsill ta' Ta' Xbiex biex japplikaw u l-*Customer Care* jgħinhom biex jgħamlu dan.

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward l-ħafna lmenti tal-parti ta' fuq ta' Triq l-Imradd li għadu ma sarx it-*Tarmac*. L-appartamenti nbnew u l-*connections* saru kollha. Ntbghatet ittra lil Sur Emanuel Vassallo l-Assistant tal-Ministru tat-Transport u Infrastruttura rigward din is-sitwazzjoni.

## 2 Kommunikazzjoni mis-Sindku…..

2.4 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward l-arranġament li għamel mal-*Creek Developments* fuq il-*Luxury Mobile Toilets*. Dawn se jħallsu parti mill-ispiza mill-fondi tal-*Yacht Marina*. Dan l-arrangament se jiswa 4,000euro li ser iħallsuhom l-istess Creek Developments 3000 euro minnhom mill-fondi tagħhom u elf l-oħra mill-fond seperat li minnhom hemm allokazzjoni ghal-Kunsill tagħna. Dawn il-facilitajiet jikkonsistu minn 2 *toilets* u 3 pixattura. Dan l-arrangament se jkun wiehed temporanju għall-perjodu ta' sena jiġifieri mill-aħħar ta'Settembru 2013 sal-aħħar ta's ettembru 2014. Madanakollu l-Kunsill xorta waħda se jibqa jaħdem sabiex jiprova jibni b'kollaborazzjoni mal-Gvern Latrini Pubblici permanenti.

Il-Kunsill qablu ma din il-proposta.

2.5 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward il-fatt li ma nġabrux xi affarrijiet mill-Kuntrattur Dimbros tal-*Bulky Refuse*. Is-Sindku Max Zammit biex ma jitħalliex l-affarrijiet jingumbraw mar hu personali biex jiġborhom hu ma persuna li kellu truck.

2.6 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-laqgha li kellu mal-Assistant Kummissarju Raymond Zammit, fejn is-Sindku spjegalu fuq il-*Public Consultant Meeting* li kellhom il-Kunsill mar-residenti u xi lmenti tagħhom li jikkonċerna l-pulizija. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li hemm bzonn ta' iktar *foot patrol*. Il-Kunsill iddiskuttew li għandha issir *Public Consultation* rigward is-sorveljanza tal-*area* u laqgħat bejn ir-residenti u l-pulizija flimkien mal-Kunsill darba fix-xahar.

Qablu unanimament fuq dan.

2.7 Is-Sindku Max Żammit resaq l-ittra rigward l-approvazzjoni tal-*bus shelter* fi-Triq Principessa Margerita li waslet u li se ssir fil-ġimgħat li gejjin.

2.8 Is-Sindku Max Żammit semma li l-bollards tax-Xatt qegħdin jinbidlu minn naħa tal-Gvern Centrali.

2.9 Is-Sindku Max Żammit semma kif intbghatet *email* lil *Public Cleansing* biex jitnaddaf l-parti tax-Xatt fejn il-Black Pearl u li din saret u hu sudisfatt ħafna.

2.10 Is-Sindku Max Żammit preżenta ittra mingħand S&D Yachting fejn dawn fuq rakomandazzjoni tat tm riedu jpoġġu skip li jintuża minnhom u ddiskuttew fejn din tista tiġi mpoġġija u li mportanti li jibqa aċċess miftuħ għall-pubbliku. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li ma jsib ebda oġġezzjoni li ssir il-gate dment li jibqa' aċċess ghal dawk li jmorru jistadu u l-gate ma tinghalaqx. Is-Sindku qal li jidhirlu li apparti l-pontoon li ghamlu l-S&D stess m'hemm l-ebda pjattaforma minn fejn jistadu, izda qal ukoll ser imur jiccekja hu stess biex jara li ma jinghalaq l-ebda access ghall-min imur jistad, halli filkas nahsbu biex naghmlu apertura ohra.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-iskip għandha titpoġġa fuq il-*pontoon* u qabel ukoll fuq is-suġġerriment tal-Kunsillier A Cachia Castelletti li jibqa aċċess mill-grada.

Il-Kunsiller Frank Roe qal li għandha tinkiteb ittra lil-S&D fuq id-deċiżżjoni tal-Kunsill

## 3 SAILING VILLAGE

3.1 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward it-talba biex issir *Sailing Village* f'Settembru li ġej għal-15 il-ġurnata fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. .

Is-Sindku Max Żammit spjega kif fil-laqgħa li kellhom il-Kunsill kollu ma l-*organizer* ta' l-attivita waslu sa ċertu arranġamenti. Is-Sindku Max Żammit qara l-ittra li kienet se tiġi mibgħuta lilhom fejn kien hemm il-kundizzjonijiet kollha li jinkludu l-ħlas ta' 1000 euro mogħti lil-Kunsill kif wkoll li ssir ġemellaġġ bejn ir-raħal ta' Iverna, l-Italja u Ta' Xbiex bil-kundizzjonijiet li jitħallas kollox minn naħa tat-Taljani. Il-Kunsillier A Cachia Castelletti staqsa l-Kunsill biex wieħed mill-kundizzjonijiet għandu jkun li s-*sound* ikun ikkontrollata.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Vici Sindku Ronnie Portelli rraporta kif kien qiegħed ikollu ħafna lmenti fuq il-boroż ghax qegħdin jinħarġu fil-ġurnata l-ħazina. Se tintbghat ittra mill-Kunsill biex jiġu vzati r-residenti il-granet ta' meta għandhom jinħarġu l-boroż taż-żibel.

4.2 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti rraporta li għandu jsir *signage* fi-Triq l-Imradd ta' *one way*. Tkellem fuq Triq il-Qaws li hemm ħafna trab li qiegħed jimblokkja l-pipes tad-drenaġġ. Tkellem wkoll rigward il-funtana tar-roundabout li qed tkun mitfija ta' spiss.

4.3 Il-Kunsillier Frank Roe irraporta rigward l-permits tal-Mepa u ddiskuttuhom mal-Kunsill u waslu sa dawn id-deċiżżjonijiet.

4.3.1 Alterazzjoni lil-*terraced house* biex jgħamel garage – *no objection*

4.3.2 Applikazzjoni għall-ufficcini fuq il-part ta' fuq għal-bini għall-uffiċċini Prinċipessa Margarita cw Testaferata Str – Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li mhemmx għalfejn isir objection għax diġa hemm uffiċini.

4.3.3 Il-Waterpolo Pitch biex ibidlu l-entratura tagħhom – *no objection*

4.3.4 Permess biex l-*Electric Car Scheme* ikollu erba' parking spaces ix-Xatt – is-Sindku ssuġerrixxa biex il-Kunsill jikteb sabiex itihom permess għal-żewg parking spaces minflok erba'.

4.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni li hemm minn qed joħroġ iż-żibel mhux fil-ġranet stipulati. Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il-possibilta li jkollna iktar *green wardens* fil-lokalita u l-Kunsill iddiskuttew liema huma l-aħjar ġranet u ħinijiet kif ukoll l-iktar toroq li hemm bżonn li jsir monitoring mill-*wardens*.

Il-Kunsill qabel unanimanent fuq dan.

4.5 Il-Kunsillier Eugenio muscat ġibed l-attenzjoni fuq l-istat ħażin tal-bollards fuq ir-rampa u staqsa l-possibilta li din tinbiddel mill-gvern peres li din kienet parti milt-tielet fażi tal-proġġett tax-xatt.

## 5 ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1 l-Aġent Segretarju Eżekuttiv resaq ittra mibghuta mill-Ambaxxata Libjana rigward permess biex issir *reserved parking* quddiem l-uffiċini l-ġodda tagħhom. Il-Kunsill qabel li minn naħa tagħhom m'għandhomx oġġezzjoni dment li t-Transport Malta jgħatu l-permess minn naħa tagħhom.

5.2 l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq l-ittra mibghuta mill-ETC u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-impjegazzjoni ta' skrivana part-time mal-Kunsill ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel unanimaent ma dan li għandha tibda l-proċċess.

## 6 KWOTTAZZJONIJIET

6.1 Peress li kien sar l-ħin sar deċiżżjoni biex l-kwottazzjonijiet jinfetħu ġurnata oħra u ssir laqgħa speċjali għalihom.

## 7 EGĦLUQ TAL-LAQGĦA

Il-Kunsill spiċċat il-laqgħa fil-5.00pm u ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se ssir fis-7 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv